MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 53/2006

Kawza fil-lista: 33

**AB C**
**vs**
**D E F G H**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-partijiet kienu resqu ghal cerimonja taz-zwieg bejniethom f' Malta fid-disgha ta' April tas-sena elfejn u tlieta (09.04.2003), liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bl-att taz-zwieg li jgib in-numru; (Dokument A);

2. Illi minn dana z-zwieg ma twieldux tfal;

3. Illi b’ din ic-cerimonja effettivament ma nholoqx kuntratt vGdu ta’ zwieg u dan peress:
3.1. illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjG taghha;
3.2. illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjG tal-hajja mizzewga;

4. Ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1)(d) u/jew (f) tAL-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:
Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fid-9 ta’ April 2003 huwa null u bla effett ghall-finijet kollha tal-Ligi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li jkunu opportuni f’ dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament ingunt ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fid-9 ta’ April 2003 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d] u tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Mill-provi jirrizulta li l-attrici fl-eta' ta' 19-il sena kienet harbet mitd-dar u marret tabita fid-dar tal-genituri tal-habiba taghha. Sussegwentement, fuq rikjesta ta' dawn hija kellha titlaq minn hemm u accettat li tmur toqghod ghand habiba taghha fuq ix-xoghol, li huwa ta' nazzjonGta' Libjana, fl-appartament tieghu fejn kien jghix flimkien ma' huh il-konvenut. Wara fit taz-zmien dana ppopona li l-attrici tizzewwgu, u dina accettat bil-kundizzjoni li ma jkollomx x' jaqsmu flimkien, izda kienet accettat biss sabiex ikollha saqaf fuq rasha. L-attrici tghid li hi kienet toqghod f' kamra separata ghGha. Wara li l-partijiet izzewwgu fit-3 ta' April 2003, hija damet toqghod fl-appartament circa xaharejn stante li l-konvenut beda jghamel avvanzi fil-konfront taghha u jesigi d-dritt tieghu li jaghmel l-att taz-zwieg: haga li l-attrici rrifjutat mill-ewwel. Di fatti hija tghid li dak iz-zmien hija kienet qeda tohrog ma' guvni malti. Hija ghalhekk kellha titlaq mill-appartament u regghet marret tghix mal-genituri taghha.

Mill-kwadru tal-fatti li rrizultaw mill-provi jirrizulta car li f' dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront ta' l-attrici l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat; u dan stante rrizulta manifestament li, ghalkemm l-attrici esternament u unikament ghal konvenjenza taghha ghaddiet minn ceremonja ta' zwieg, hija, internament u b' att posittiv tal-volonta' taghha, eskludiet l-obbligazzjonijiet essenzjG matrimonjG, inkluz dak li taghmel l-att taz-zwieg mal-konjugi. L-attrici tghid kategrokament li hija qatt ma kellha x' taqsam mal-konvenut.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntratt bejn il-partijiet fid-9 ta' April 2003. L-ispejjez kollha jibqghu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------